

Brussell, 27 ta' Frar 2020
(OR. en)

6232/20

BETREG 7
IA 15

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	27 ta' Frar 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	5964/20
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar "Niżguraw il-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv" (<i>Attività mhux legiſlattiva</i>)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar "Niżguraw il-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv" (*Attività mhux legiſlattiva*) kif adottati mill-Kunsill (Kompetittività) fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Frar 2020.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IR-REGOLAMENTAZZJONI AĦJAR
"NIŻGURAW IL-KOMPETITTIVITÀ U T-TKABBIR SOSTENIBBLI U INKLUŻIV"**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

JENFASIZZA li r-Regolamentazzjoni Aħjar hija xprun ewlieni tat-tkabbir sostenibbli u inklużiv, trawwem il-kompetittività, l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi, iżżid it-trasparenza u tiżgura l-appoġġ pubbliku għal-leġislazzjoni tal-UE;

ITENNI l-ħtieġa li jiġi żgurat li r-regolamentazzjoni tal-UE tkun trasparenti u sempliċi u tintlaħaq bl-inqas spejjeż, filwaqt li dejjem jittieħed kont ta' livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi, is-saħħa, il-klima u l-ambjent u l-impjegati;

JENFASIZZA r-rwol importanti tar-Regolamentazzjoni Aħjar biex jintlaħaq l-oġġettiv tan-newtralità klimatika;

IFAKKAR fir-rabta bejn ir-Regolamentazzjoni Aħjar u l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-UE biex ikun hemm tfassil aħjar tal-liġijiet fil-livell tal-UE u Suq Uniku li jiffunzjona b'mod sħiħ.

IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2014¹, Mejju 2016², Novembru 2018³ u Novembru 2019⁴;

IFAKKAR fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "Regolazzjoni aħjar: nagħtu rendikont u nżommu l-impenn tagħna" ta' April 2019⁵.

1 16000/14
2 9580/16
3 14137/18
4 14656/19
5 COM/2019/178 final

Valutazzjoni tal-impatt

1. **JILQA'** l-impenn kontinwu tal-Kummissjoni għall-prattika ta' tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza;

ITENNI l-importanza li l-proposti legiſlattivi tal-Kummissjoni jiġu dejjem eżaminati flimkien mal-valutazzjoni tal-impatt korrispondenti kif stabbilit mill-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet;
2. **JISSOTTOLINJA** li, sabiex tiżdied l-effiċjenza, il-miżuri li jinsabu fi proposti ġodda għandhom dejjem jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, kif ukoll il-prinċipji tas-sussidjarjetà, tal-proporzjonalità u taċ-ċertezza legali, u b'mod speċjali jqisu l-ħtiġijiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), inkluż il-mikrointrapriżi;
3. **JISĦAQ FUQ** l-importanza li jitkejjel l-impatt tar-regolamentazzjoni tal-UE, filwaqt li jitqiesu kemm l-ispejjeż kif ukoll il-benefiċċji;
4. **JISSOTTOLINJA** l-importanza tal-applikazzjoni sistematika tal-prinċipju "aħseb l-ewwel fiż-żgħir", il-Prinċipju ta' Innovazzjoni u l-prinċipju diġitali b'mod awtomatiku, bħala parti mill-approċċ integrat;

JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tapplika dawn il-prinċipji fl-istadju tal-formulazzjoni tal-politika u tivverifika b'mod sistematiku l-konsegwenzi potenzjali tal-proposti legiſlattivi tagħha fuq l-SMEs, l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u s-sostenibbiltà meta jkun rilevanti, fil-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha, u biex tagħti spjegazzjonijiet meta l-impatt fuq dawn il-fatturi ma jitqiesx rilevanti;

IFAKKAR fl-importanza tal-Prinċipju ta' Innovazzjoni kif imsemmi fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2016 u **JAPPELLA** lill-Kummissjoni biex, flimkien mal-Istati Membri, ikompli jiddeterminaw l-użu tiegħu u l-impatt potenzjali tiegħu. **IFAKKAR** ukoll fl-importanza tal-prinċipju ta' prekawzjoni;

5. **JAPPELLA** lill-Kummissjoni:

- Biex, kif speċifikat fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, twettaq valutazzjonijiet tal-impatt tal-inizjattivi leġislattivi u mhux leġislattivi tagħha, tal-atti delegati u tal-miżuri ta' implimentazzjoni li huma mistennija jkollhom impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali sinifikanti u biex tiżgura li, bħala regola ġenerali, l-inizjattivi inklużi fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni jew fid-dikjarazzjoni konġunta jkunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt;
- biex tkun trasparenti rigward il-kriterji użati biex jiġi determinat jekk il-proposti leġislattivi u mhux leġislattivi tal-Kummissjoni humiex mistennija jkollhom impatt sinifikanti u għalhekk għandhomx ikunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt;
- biex tispjega għaliex mhuwiex possibbli li ssir kwantifikazzjoni tal-ispejjeż u tal-benefiċċji fil-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni għall-proposti tagħha;
- biex tiżgura valutazzjoni mtejba tal-impatti klimatiċi għall-proposti ġodda kollha rilevanti kif previst mill-Patt Ekoloġiku u biex tiżgura li l-impatti l-oħra tal-proposti fuq l-oqsma ta' politika kollha jitqiesu bl-istess mod;
- biex ittejjeb il-kwantifikazzjoni u d-dimensjoni kwalitattiva fil-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha u tagħti biżżejjed kunsiderazzjoni lil għażliet differenti għal azzjoni tal-UE;
- biex tiżgura li l-valutazzjoni tal-impatt li tintbagħat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tkun xierqa għal u tkopri l-proposta leġislattiva korrispondenti;
- biex tagħti l-kunsiderazzjoni mistħoqqa lill-possibbiltà, fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq stedina mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill, li tikkomplementa l-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha jew li twettaq xogħol analitiku addizzjonali li hija tqis li jkun meħtieġ, skont it-termini miftiehma fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, f'każ li l-proposta tinbidel b'mod sinifikanti fil-proċess leġislattiv;

- biex tikkonsulta firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati matul it-tnejn tal-proposti legiſlattivi;
- biex ittejjeb iċ-ċarezza u n-newtralità tal-kwestjonarji li jintużaw fil-proċess ta' konsultazzjoni matul it-tnejn tal-proposti legiſlattivi u biex ittejjeb il-feedback għall-partijiet ikkonċernati kkonſultati f'termini kemm ta' kontenut kif ukoll ta' żmien;

6. **JAFFERMA MILL-ĠDID** li, skont it-termini miftiehma fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, il-Kunsill, meta jqis li jkun xieraq u meħtieġ għall-proċess legiſlattiv, ser iwettaq valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tal-emendi sostanzjali tiegħu għall-proposta tal-Kummissjoni;

IFAKKAR fil-proġett pilota tal-Kunsill dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-emendi sostanzjali u **JISSOTTOLINJA** l-importanza li dan jtkompla bil-ħsieb li, kull meta jkun possibbli u rilevanti, jiġi applikat għal każijiet konkreti ta' emendi sostanzjali;

JISSOTTOLINJA l-importanza ta' evalwazzjoni f'waqtha tal-proġett pilota;

Skrutinju regolatorju

7. **JILQA'** l-impenn tal-Kummissjoni biex jissaħħaħ il-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju (BSR) u **JISSOTTOLINJA** r-rwol importanti tal-BSR fiċ-ċiklu tal-politika;

JINNOTA, madankollu, l-osservazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar in-nuqqas ta' segretarjat dedikat għall-BSR li jkun ġerarkikament separat mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni⁶.

IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tagħti lill-BSR l-opportunità li jikkummenta meta l-Kummissjoni ma tkunx wettqet valutazzjoni tal-impatt;

⁶ 14137/18

Effiċjenza regolatorja

8. **IFAKKAR** fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2019⁷ li appellaw għal impenji u objettivi konkreti għall-prevenzjoni u t-tneħħija ta' piżijiet regolatorji bla bżonn. F'dan ir-rigward, **JIEĦU NOTA** tat-tħabbira reċenti tal-Kummissjoni li tiżviluppa u tapplika l-istrument "one in, one out" biex tiżgura li piżijiet amministrattivi introdotti reċentement jiġu bbilanċjati billi l-persuni u n-negozji - b'mod partikolari l-SMEs - jitnaqqsilhom spejjeż amministrattivi ekwivalenti fil-livell tal-UE fl-istess qasam ta' politika. **JENFASIZZA** li dan l-approċċ ma għandux inaqqas l-istandards soċjali u ekoloġiċi, u lanqas ma għandu jiġi applikat b'mod purament mekkaniku, filwaqt li jimmassimizza l-benefiċċji tar-regolamentazzjoni għan-negozji u ċ-ċittadini;

IFAKKAR fl-impenn tat-tliet istituzzjonijiet biex jipromwovu l-aktar strumenti regolatorji effiċjenti, bħall-armonizzazzjoni u r-rikonossiment reċiproku, sabiex jiġi evitati r-regolamentazzjoni żejda u piżijiet amministrattivi u jiġu ssodisfati l-objettivi tat-Trattati.

9. **JENFASIZZA** li l-istrument "one in, one out" għandu jmur id f'id ma' approċċ kwalitattiv, li jinvolvi djalogu mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati sabiex jiġi żgurat li l-isforzi biex jitnaqqsu l-piżijiet jipprovdu soluzzjonijiet li jirriżultaw f'differenza notevoli għalihom, filwaqt li ma jdgħajfux l-objettivi tal-leġislazzjoni kkonċernata;

10. **JISSOTTOLINJA** l-importanza li jiġu żviluppatti miżuri oħra ta' simplifikazzjoni u ta' tnaqqis tal-piżijiet f'oqsma partikolarment ta' piż, f'kooperazzjoni mal-koleġislaturi u l-Istati Membri;

11. **IĦEĠĠEĠ** lill-Kummissjoni biex tiżgura, filwaqt li tiżviluppa l-istrument il-ġdid "one in, one out" fil-livell tal-UE, li l-ispejjeż tal-konformità u l-piżijiet amministrattivi jkunu jistgħu jitqiesu; **IĦEĠĠEĠ** lill-Kummissjoni biex kemm jista' jkun toqgħod fuq id-data eżistenti u fuq l-għodod stabbiliti tagħha għal Regolamentazzjoni Aħjar biex tistabbilixxi u tħaddem dan l-istrument, filwaqt li tevita kwalunkwe piż mhux meħtieġ fuq l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati; **JISĦAQ** li l-kontributi mill-Istati Membri għandhom ikunu possibbli fuq bażi volontarja;

⁷ 9706/19 u 9743/19

SMEs, inkluż il-mikrointrapriżi

12. **JISĦAQ FUQ** l-importanza tal-SMEs, inkluż il-mikrointrapriżi, bħala xprun ewlieni tal-innovazzjoni, it-transizzjoni ekoloġika, id-diġitalizzazzjoni, l-impjiegi, it- tkabbir sostenibbli u inklużiv u l-koeżjoni soċjali fis-soċjetajiet tagħna. L-interessi u l-ħtiġijiet tal-SMEs, inkluż dawk tal-mikrointrapriżi, għandhom jiġu identifikati aħjar fil-fażijiet kollha tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell tal-UE, sabiex jiġi żgurat li l-leġislazzjoni tkun ċara u prevedibbli bi spejjeż minimi, u proporzjonata fir-rigward tad-daqs tal-intrapriżi;
13. **JIRRIKONOXXI** l-ħtiġijiet tal-SMEs, inkluż il-mikrointrapriżi u n-negozji ġodda, billi jkompli l-iskambju man-Netwerk tal-Mibgħuta tal-SMEs u permezz ta' implimentazzjoni konsistenti tal-prinċipju "aħseb l-ewwel fiż-żgħir";
14. **JAPPELLA** lill-Kummissjoni biex tiżviluppa strateġija ta' konsultazzjoni sabiex jiġu ddeterminati l-aktar attivitajiet, metodi u għodod xierqa biex jiġi żgurat involviment wiesa' tal-SMEs. b'mod partikolari l-mikrointrapriżi, u l-Istati Membri fil-konsultazzjoni pubblika, filwaqt li jingħata biżżejjed żmien biex il-partijiet ikkonċernati interessati jesprimu l-fehmiet tagħhom;
15. **JAPPELLA** lill-Kummissjoni:
 - biex fil-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha tqis b'mod sistematiku l-impatt tal-proposti legiſlattivi fuq l-SMEs, b'mod partikolari l-mikrointrapriżi, u biex kull meta jkun possibbli tapplika t-test tal-SMEs, u
 - biex timplimenta mekkaniżmu biex jiġu ssorveljati u vvalutati l-implimentazzjoni u l-kwalità tat-test tal-SMEs fil-livell tal-UE;

Nibnu fuq l-esperjenza tal-Pjattaforma REFIT

16. **JIRRIKONOXXI** li l-Pjattaforma REFIT kienet element importanti tal-qafas tar-Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni. **JILQA'** t-tiġdid li l-Kummissjoni ser tagħmel fil-Pjattaforma REFIT, fejn ser testendi l-mandat tagħha għall-iżgurar ta' regolamentazzjoni tal-UE li tkun diġitali b'mod awtomatiku u li tibqa' valida fil-futur; **JAPPELLA** lill-Kummissjoni biex tiżgura l-viżibilità u l-għarfien dwar il-Pjattaforma Fit-for-Future li għadha kif tħabbret li ser tissostitwixxi l-Pjattaforma REFIT bħala parti mill-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar tagħha u biex issaħħaħ il-komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati;
17. **IĦEĠĠEĠ** aktar trasparenza dwar l-għażla tal-membri tar-rappreżentanti tan-negozji, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili, kif ukoll firxa usa' ta' għarfien espert u rappreżentazzjoni ġeografika biex jitqiesu ż-żoni insulari ta' dawn il-membri li għandhom ikunu konformi mal-varjetà wiesgħa ta' kwistjonijiet li għandhom jiġu diskussi mis-suċċessur tal-Pjattaforma REFIT;
18. **JISĦAQ** li, fir-rigward ta' preżenza akbar ta' awtoritajiet lokali u reġjonali fi ħdan is-suċċessur tal-Pjattaforma REFIT, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri ma jistgħux jiġu sostitwiti minn rappreżentanti ta' awtoritajiet lokali jew reġjonali;
19. **JISSOTTOLINJA** li l-valur miżjud prinċipali tal-Pjattaforma REFIT kien l-enfasi tagħha fuq suġġerimenti konkreti tal-partijiet ikkonċernati biex jiżiedu l-effiċjenza u l-effettività tar-regolamentazzjoni eżistenti tal-UE filwaqt li jitnaqqsu l-piżijiet tagħha għaċ-ċittadini, in-negozji u l-amministrazzjonijiet u jiġu rispettati l-istandards eżistenti ta' protezzjoni kif ukoll l-obiettivi ta' politika tal-leġislazzjoni. **JENFASIZZA** li l-ħidma tas-suċċessur tal-Pjattaforma REFIT għandha tibqa' tiffoka fuq dawn il-proposti konkreti għal simplifikazzjoni billi tirrevedi r-regolamentazzjoni eżistenti tal-UE u tiżgura li din tkun xierqa għall-era diġitali u b'hekk tnaqqas il-piżijiet, u li l-kriterji ta' esklużjoni tal-Pjattaforma REFIT għandhom jinżammu fi ħdan is-suċċessur tal-Pjattaforma REFIT u għandhom jiġu rispettati minnu;

Rieżami *ex-post* tal-leġislazzjoni tal-UE

20. **JISSOTTOLINJA** l-importanza tar-rieżami *ex-post* tal-leġislazzjoni tal-UE bħala wieħed mill-pilastri ewlenin tal-politika tar-Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni;

21. **IFAKKAR** fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2018, li appellaw lill-Kummissjoni biex tiżgura implimentazzjoni aħjar tal-"prinċipju l-ewwel evalwa", biex jiġi definit sett ta' standards minimi ta' kwalità għar-rieżamijiet *ex-post* minbarra l-evalwazzjonijiet u biex il-BSR jingħata d-dritt li minbarra l-evalwazzjonijiet jeżamina bir-reqqa r-rieżamijiet *ex-post*;
22. **JENFASIZZA** l-importanza ta' rieżamijiet *ex-post* imħejjija mill-Kummissjoni għall-ħidma tal-Kunsill u s-segwitu tagħhom;

IFAKKAR fl-importanza tal-Programm usa' REFIT bħala parti importanti mill-qafas *ex-post* ta' Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni.
